# L-ISTATWA TAL-G.M. MANOEL DE VILHENA (2)



PAWLU ZAMMIT



Fl-1858 l-istatwa ta' De Vilhena nġiebet quddiem il-Bibljoteka



Fl-1890 l-istatwa ta' De Vilena tpoġġiet quddiem il-ġnien tal-Mall fil-Floriana



Din il-ġimgħa qegħdin naraw ritratt ieħor tal-istatwa tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena fil-pjazza quddiem il-Bibljoteka, li kif diġà għidna fil-ħarġa tal-ġimgħa l-oħra, inġiebet hawn mill-Forti Manoel fl-1858 fi żmien il-Gvernatur ta' dak iż-żmien, Le Merchant.

Il-pjazza dak iż-żmien, kif qegħdin naraw, kienet ferm differenti, imsebbħa bis-siġar. Tidher ukoll fir-ritatt l-antik, fin-naħa tax-xellug, il-funtana, li wkoll tneħħiet minn din il-pjazza u llum insibuha fil-ġnien tal-Mall, il-Floriana.

It-tieni mixja ta' din l-istatwa kienet fis-sena 1890 meta tpoġġiet quddiem id-daħla principali tal-ġnien tal-Floriana, jew kif insibuh bl-isem popolari "Il-Mall".

Flokha llum insibu l-istatwa tar-Reġina Vittorja, li inċidentalment, ukoll kellha tiċċaqlaq minn postha, minn fejn kienet quddiem il-Berġa ta' Kastilja. Il-ġimgħa d-dieħla naraw it-tielet mixja ta' dan il-Gran Mastru.